MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Numru. 35/2006

PULIZIJA
SPETTUR ROLAND CASSAR
VS
CARMEL MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Micallef, ta’ 28 sena, bin Paul u Katrina nee’ Caruana, imwieled Imtarfa fit-2 ta’ Lulju 1977 u residenti fil-fond 16, Flat 4, Main Street, Rabat, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 311777(M), u akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Jannar 2006, ghall-habta tas-saghtejn u  nofs ta’ filghodu, ikkommetta r-reat ta’ serq minn gewwa t-Tattingers Night Club, Rabat, liema serq huwa aggravat bil-hin, mezz u valur ta’ aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda inqas minn elf lira Maltin (Lm1000) – hames mija u wiehed u hamsin Lira Maltin (Lm551), u dan ghad-detriment ta’ Dominic Micallef, detentur tal-karta tal-identita’ numru 524957(M).

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja ammontanti ghal hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75), u dan bi ksur tal-Artiklu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex, kemm-il darba l-akkuzat jinstab hati, tikkundannah ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 261, 263, 264, 267, 270, 325, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin. In oltre, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht ‘supervision suspended order’ ghall-istess perjodu, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services Mariella Camilleri. In oltre, il-Qorti rat illi l-imputat obbliga ruhu li sas-17 t’April 2006, ihallas is-somma ta’ hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) lill-kwerelanti ghall-hsarat ikkagunati f’dan l-incident.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------